Parlament Ewropew
2019-2024

Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

2023/0209(COD)

13.11.2023

***I
ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar servizzi ta' pagament u servizzi ta' flus elettroniċi fis-Suq Intern li temenda d-Direttiva 98/26/KE u li tħassar id-Direttivi 2015/2366/UE u 2009/110/KE
(COM(2023)0366 – C9-0218/2023 – 2023/0209(COD))

Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

Rapporteur: Ondřej Kovařík

Tifsira tas-simboli użati

*	Proċedura ta' konsultazzjoni
***	Proċedura ta' approvazzjoni
***I	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari)
***II	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tieni qari)
***III	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi ġuridika proposta mill-abbozz ta' att.)

Emendi għal abbozz ta' att

Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat

Il-partijiet ġodda tat-test huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa***. Il-partijiet imħassra tat-test huma indikati permezz tas-simbolu ▌ jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni tintwera billi jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** t-test il-ġdid u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit. Bħala eċċezzjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mhuwiex indikat.

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA’ RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW 5

NOTA SPJEGATTIVA 39

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar servizzi ta' pagament u servizzi ta' flus elettroniċi fis-Suq Intern li temenda d-Direttiva 98/26/KE u li tħassar id-Direttivi 2015/2366/UE u 2009/110/KE
(COM(2023)0366 – C9-0218/2023 – 2023/0209(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2023)0366),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikoli 53 u 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0218/2023),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (A9-0000/2023),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

Emenda 1

Proposta għal direttiva
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) Kif muri fir-rieżami mwettaq mill-	(6) Kif muri fir-rieżami mwettaq mill-

Kummissjoni u minħabba l-evoluzzjoni tas-swieq rispettivi, in-negozji u r-riskji rispettivi marbuta mal-attivitajiet, huwa meħtieġ li jiġi aġġornat ir-reġim prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' pagament, inklużi dawk li joħorġu flus elettroniċi u li jipprovdu servizzi ta' flus elettroniċi, billi tintalab liċenzja unika għall-forniturі ta' servizzi ta' pagament u servizzi ta' flus elettroniċi li ma jeħdux depożiti. Minħabba li r-Regolament (UE) 2023/1114 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[32] jistabbilixxi fl-Artikolu 48(2) tiegħu li l-emittenti tal-flus elettroniċi għandhom jitqiesu bħala ***flus*** elettroniċi, jenħtieġ li r-reġim ta' liċenzjar għall-istituzzjonijiet ta' pagament, billi dawn se jissostitwixxu l-istituzzjonijiet tal-flus elettroniċi, japplika wkoll għall-emittenti tat-tokens tal-flus elettroniċi. Ir-reġim prudenzjali applikabbli għall-istituzzjonijiet ta' pagament jenħtieġ li jkun ibbażat fuq awtorizzazzjoni, soġġetta għal sett ta' kundizzjonijiet stretti u komprensivi, għal persuni ġuridiċi li joffru servizzi ta' pagament meta ma jeħdux depożiti. Jenħtieġ li r-reġim prudenzjali applikabbli għall-istituzzjonijiet ta' pagament, jiżgura li japplikaw l-istess kundizzjonijiet fl-Unjoni kollha għall-attività tal-forniment ta' servizzi ta' pagament.	Kummissjoni u minħabba l-evoluzzjoni tas-swieq rispettivi, in-negozji u r-riskji rispettivi marbuta mal-attivitajiet, huwa meħtieġ li jiġi aġġornat ir-reġim prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' pagament, inklużi dawk li joħorġu flus elettroniċi u li jipprovdu servizzi ta' flus elettroniċi, billi tintalab liċenzja unika għall-forniturі ta' servizzi ta' pagament u servizzi ta' flus elettroniċi li ma jeħdux depożiti. Minħabba li r-Regolament (UE) 2023/1114 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[32] jistabbilixxi fl-Artikolu 48(2) tiegħu li l-emittenti ***tat-tokens*** tal-flus elettroniċi għandhom jitqiesu bħala ***emittenti tal-flus*** elettroniċi, jenħtieġ li r-reġim ta' liċenzjar għall-istituzzjonijiet ta' pagament, billi dawn se jissostitwixxu l-istituzzjonijiet tal-flus elettroniċi, japplika wkoll għall-emittenti tat-tokens tal-flus elettroniċi. Ir-reġim prudenzjali applikabbli għall-istituzzjonijiet ta' pagament jenħtieġ li jkun ibbażat fuq awtorizzazzjoni, soġġetta għal sett ta' kundizzjonijiet stretti u komprensivi, għal persuni ġuridiċi li joffru servizzi ta' pagament meta ma jeħdux depożiti. Jenħtieġ li r-reġim prudenzjali applikabbli għall-istituzzjonijiet ta' pagament, jiżgura li japplikaw l-istess kundizzjonijiet fl-Unjoni kollha għall-attività tal-forniment ta' servizzi ta' pagament.
[32] Ir-Regolament (UE) 2023/1114 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Mejju 2023 dwar is-swieq fil-kriptoassi, u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010 u (UE) Nru 1095/2010 u d-Direttivi 2013/36/UE u (UE) 2019/1937 (ĠU L 150, 9.06.2023, p. 40).	[32] Ir-Regolament (UE) 2023/1114 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Mejju 2023 dwar is-swieq fil-kriptoassi, u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010 u (UE) Nru 1095/2010 u d-Direttivi 2013/36/UE u (UE) 2019/1937 (ĠU L 150, 9.06.2023, p. 40).

Or. en

Ġustifikazzjoni

Kjarifika teknika dwar il-flus elettroniċi, li tiċċara t-termini użati għall-flus elettroniċi f'termini tal-istrument (it-token) u tiċċara li tapplika għall-emittent

Emenda 2

Proposta għal direttiva
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) Minħabba l-ħolqien ta' tipi ġodda ta' strumenti ta' pagament u l-inċertezzi prevalenti fis-suq fir-rigward tal-kwalifika legali tagħhom, id-definizzjoni ta' "strument ta' pagament" jenħtieġ li tiġi speċifikata aktar billi jiġu pprovduti xi eżempji biex jintwera x'jikkostitwixxi jew x'ma jikkostitwix strument ta' pagament, waqt li jitqies il-prinċipju tan-newtralità teknoloġika.	(10) Minħabba l-ħolqien ta' tipi ġodda ta' strumenti ta' pagament***, is-soluzzjonijiet teknoloġiċi li qed jevolvu li jipprevedu tali strumenti,*** u l-inċertezzi prevalenti fis-suq fir-rigward tal-kwalifika legali tagħhom, id-definizzjoni ta' "strument ta' pagament" jenħtieġ li tiġi speċifikata aktar billi jiġu pprovduti xi eżempji biex jintwera x'jikkostitwixxi jew x'ma jikkostitwix strument ta' pagament, waqt li jitqies il-prinċipju tan-newtralità teknoloġika.

Or. en

Emenda 3

Proposta għal direttiva
Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(18) Ir-Rieżami bejn il-Pari tal-EBA dwar l-awtorizzazzjoni skont id-Direttiva (UE) 2015/2366 ppubblikat f'Jannar 2023[35] ikkonkluda li n-nuqqasijiet fil-proċess ta' awtorizzazzjoni wasslu għal sitwazzjoni fejn l-applikanti jkunu soġġetti għal aspettattivi superviżorji differenti fir-rigward tar-rekwiżiti għall-awtorizzazzjoni bħala istituzzjoni ta' pagament jew istituzzjoni tal-flus elettroniċi madwar l-Unjoni, u li xi drabi l-proċess tal-għoti ta' awtorizzazzjoni jista' jieħu żmien twil wisq. Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi u proċess armonizzat għall-għoti ta' awtorizzazzjoni lill-impriżi li japplikaw għal liċenzja ta' istituzzjoni ta' pagament, huwa xieraq li jiġi impost fuq l-awtoritajiet	(18) Ir-Rieżami bejn il-Pari tal-EBA dwar l-awtorizzazzjoni skont id-Direttiva (UE) 2015/2366 ppubblikat f'Jannar 2023[35] ikkonkluda li n-nuqqasijiet fil-proċess ta' awtorizzazzjoni wasslu għal sitwazzjoni fejn l-applikanti jkunu soġġetti għal aspettattivi superviżorji differenti fir-rigward tar-rekwiżiti għall-awtorizzazzjoni bħala istituzzjoni ta' pagament jew istituzzjoni tal-flus elettroniċi madwar l-Unjoni, u li xi drabi l-proċess tal-għoti ta' awtorizzazzjoni jista' jieħu żmien twil wisq. Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi u proċess armonizzat għall-għoti ta' awtorizzazzjoni lill-impriżi li japplikaw għal liċenzja ta' istituzzjoni ta' pagament, huwa xieraq li jiġi impost fuq l-awtoritajiet

kompetenti limitu ta' żmien ta' ***3 xhur*** biex il-proċess ta' awtorizzazzjoni jiġi konkluż, wara li tasal l-informazzjoni kollha meħtieġa għad-deċiżjoni.	kompetenti limitu ta' żmien ta' ***mhux iżjed minn xahar*** biex il-proċess ta' awtorizzazzjoni jiġi konkluż, wara li tasal l-informazzjoni kollha meħtieġa għad-deċiżjoni.
[35] L-awtorità Bankarja Ewropea, EBA/REP/2023/01, Rapport ta' Rieżami bejn il-Pari dwar l-awtorizzazzjoni skont il-PSD2.	[35] L-awtorità Bankarja Ewropea, EBA/REP/2023/01, Rapport ta' Rieżami bejn il-Pari dwar l-awtorizzazzjoni skont il-PSD2.

Or. en

Emenda 4

Proposta għal direttiva
Premessa 31

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(31) Meta jitqiesu d-diffikultajiet esperjenzati mill-istituzzjonijiet ta' pagament fil-ftuħ u ż-żamma ta' kontijiet ta' pagament ma' istituzzjonijiet ta' kreditu, huwa meħtieġ li tiġi prevista għażla addizzjonali għas-salvagwardja tal-fondi tal-utenti, jiġifieri l-possibbiltà li dawk il-fondi jinżammu f'bank ċentrali. Madankollu, jenħtieġ li dik il-possibbiltà tkun mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li bank ċentrali ma joffrix dik l-għażla, abbażi tal-liġi organika tiegħu. Filwaqt li titqies il-ħtieġa li jiġu protetti l-fondi tal-utenti u li jiġi evitat li tali fondi jintużaw għal finijiet oħra għajr biex jiġu pprovduti servizzi ta' pagament jew servizzi ta' flus elettroniċi, huwa xieraq li jkun meħtieġ li l-fondi tal-utenti ta' servizzi ta' pagament jinżammu separati mill-fondi proprji tal-istituzzjoni ta' pagament. Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi bejn l-istituzzjonijiet ta' pagament li jipprovdu servizzi ta' pagament u l-istituzzjonijiet ta' pagament li joħorġu flus elettroniċi u li jipprovdu servizzi ta' flus elettroniċi, huwa xieraq li	(31) Meta jitqiesu d-diffikultajiet esperjenzati mill-istituzzjonijiet ta' pagament fil-ftuħ u ż-żamma ta' kontijiet ta' pagament ma' istituzzjonijiet ta' kreditu, huwa meħtieġ li tiġi prevista għażla addizzjonali għas-salvagwardja tal-fondi tal-utenti, jiġifieri l-possibbiltà li dawk il-fondi jinżammu f'bank ċentrali. Madankollu, jenħtieġ li dik il-possibbiltà tkun mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li bank ċentrali ma joffrix dik l-għażla, abbażi tal-liġi organika tiegħu***. Kwalunkwe ċaħda ta' dik l-għażla minn bank ċentrali jenħtieġ li tkun ġustifikata kif xieraq lill-istituzzjoni ta' pagament rilevanti***. Filwaqt li titqies il-ħtieġa li jiġu protetti l-fondi tal-utenti u li jiġi evitat li tali fondi jintużaw għal finijiet oħra għajr biex jiġu pprovduti servizzi ta' pagament jew servizzi ta' flus elettroniċi, huwa xieraq li jkun meħtieġ li l-fondi tal-utenti ta' servizzi ta' pagament jinżammu separati mill-fondi proprji tal-istituzzjoni ta' pagament. Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi bejn l-istituzzjonijiet ta' pagament li jipprovdu servizzi ta'

jiġu allinjati kemm jista' jkun is-sistemi applikabbli għas-salvagwardja tal-fondi tal-utenti, filwaqt li jiġu ppreservati l-ispeċifiċitajiet tal-flus elettroniċi. Ir-riskju ta' konċentrazzjoni huwa riskju sinifikanti li jiffaċċjaw l-istituzzjonijiet ta' pagament, b'mod partikolari meta il-fondi jiġu salvagwardjati f'istituzzjoni ta' kreditu unika. Għalhekk huwa importanti li jiġi żgurat li l-istituzzjonijiet ta' pagament jevitaw ir-riskju ta' konċentrazzjoni sa fejn ikun possibbli. Għal din ir-raġuni, jenħtieġ li l-EBA tingħata struzzjonijiet biex tiżviluppa standards tekniċi regolatorji dwar l-evitar tar-riskju fis-salvagwardja tal-fondi tal-klijenti.	pagament u l-istituzzjonijiet ta' pagament li joħorġu flus elettroniċi u li jipprovdu servizzi ta' flus elettroniċi, huwa xieraq li jiġu allinjati kemm jista' jkun is-sistemi applikabbli għas-salvagwardja tal-fondi tal-utenti, filwaqt li jiġu ppreservati l-ispeċifiċitajiet tal-flus elettroniċi. Ir-riskju ta' konċentrazzjoni huwa riskju sinifikanti li jiffaċċjaw l-istituzzjonijiet ta' pagament, b'mod partikolari meta il-fondi jiġu salvagwardjati f'istituzzjoni ta' kreditu unika. Għalhekk huwa importanti li jiġi żgurat li l-istituzzjonijiet ta' pagament jevitaw ir-riskju ta' konċentrazzjoni sa fejn ikun possibbli. Għal din ir-raġuni, jenħtieġ li l-EBA tingħata struzzjonijiet biex tiżviluppa standards tekniċi regolatorji dwar l-evitar tar-riskju fis-salvagwardja tal-fondi tal-klijenti. Or. en

Emenda 5

Proposta għal direttiva
Premessa 31a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	***(31a) Jista' jagħti l-każ li istituzzjoni ta' kreditu tirrifjuta li tiftaħ u żżomm kont għal istituzzjoni ta' pagament. Dan ikun detrimentali għall-objettiv ta' diversifikazzjoni tar-riskju għall-istituzzjonijiet ta' pagament. Għalhekk, meta istituzzjoni ta' kreditu tirrifjuta li tiftaħ, jew tiddeċiedi li ttemm, kont ta' istituzzjoni ta' pagament, jenħtieġ li tkun meħtieġa tipprovdi lil dik l-istituzzjoni ta' pagament risposta u raġunament iġġustifikati kif xieraq.* Or. en

Emenda 6

Proposta għal direttiva
Premessa 35

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(35) Jenħtieġ li l-istituzzjonijiet ta' pagament jitħallew jagħtu kreditu, iżda din l-attività jenħtieġ li tkun soġġetta għal xi kundizzjonijiet stretti. Huwa għalhekk xieraq li jiġi rregolat l-għoti ta' kreditu minn istituzzjonijiet ta' pagament fil-forma ta' linji ta' kreditu u l-ħruġ ta' kards ta' kreditu, sa fejn dawk is-servizzi jiffaċilitaw is-servizzi ta' pagament ***u jekk il-kreditu jingħata għal perjodu li ma jaqbiżx it-12-il xahar, inkluż fuq bażi rotanti***. Huwa xieraq li l-istituzzjonijiet ta' pagament jitħallew jagħtu kreditu fuq terminu qasir fir-rigward tal-attivitajiet transfruntiera tagħhom, bil-kundizzjoni li dan jiġi ffinanzjat mill-ġdid prinċipalment bl-użu tal-fondi proprji tal-istituzzjoni ta' pagament, kif ukoll b'fondi oħra mis-swieq kapitali, u mhux bil-fondi miżmuma f'isem klijenti għal servizzi ta' pagament. Madankollu, din il-possibbiltà jenħtieġ li tkun mingħajr preġudizzju għad-Direttiva 2008/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[39] jew liġi tal-Unjoni jew miżuri nazzjonali rilevanti oħra fir-rigward ta' kundizzjonijiet għall-għoti ta' kreditu lill-konsumaturi. Minħabba n-natura prinċipalment ta' self tagħhom, jenħtieġ li s-servizzi "Ixtri Issa u Ħallas Aktar Tard" ma jikkostitwixxux servizz ta' pagament. Dawk is-servizzi huma koperti mid-Direttiva l-ġdida dwar il-krediti għall-konsumatur li tissostitwixxi d-Direttiva 2008/48/KE.	(35) Jenħtieġ li l-istituzzjonijiet ta' pagament jitħallew jagħtu kreditu, iżda din l-attività jenħtieġ li tkun soġġetta għal xi kundizzjonijiet stretti. Huwa għalhekk xieraq li jiġi rregolat l-għoti ta' kreditu minn istituzzjonijiet ta' pagament fil-forma ta' linji ta' kreditu u l-ħruġ ta' kards ta' kreditu, sa fejn dawk is-servizzi jiffaċilitaw is-servizzi ta' pagament. Huwa xieraq li l-istituzzjonijiet ta' pagament jitħallew jagħtu kreditu fuq terminu qasir fir-rigward tal-attivitajiet transfruntiera tagħhom, bil-kundizzjoni li dan jiġi ffinanzjat mill-ġdid prinċipalment bl-użu tal-fondi proprji tal-istituzzjoni ta' pagament, kif ukoll b'fondi oħra mis-swieq kapitali, u mhux bil-fondi miżmuma f'isem klijenti għal servizzi ta' pagament. Madankollu, din il-possibbiltà jenħtieġ li tkun mingħajr preġudizzju għad-Direttiva 2008/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[39] jew liġi tal-Unjoni jew miżuri nazzjonali rilevanti oħra fir-rigward ta' kundizzjonijiet għall-għoti ta' kreditu lill-konsumaturi. Minħabba n-natura prinċipalment ta' self tagħhom, jenħtieġ li s-servizzi "Ixtri Issa u Ħallas Aktar Tard" ma jikkostitwixxux servizz ta' pagament. Dawk is-servizzi huma koperti mid-Direttiva l-ġdida dwar il-krediti għall-konsumatur li tissostitwixxi d-Direttiva 2008/48/KE.
[39] Id-Direttiva 2008/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2008 dwar ftehim ta' kreditu għall-konsumatur u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 87/102/KEE (ĠU L 133, 22.5.2008, p. 66).	[39] Id-Direttiva 2008/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2008 dwar ftehim ta' kreditu għall-konsumatur u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 87/102/KEE (ĠU L 133, 22.5.2008, p. 66).

Or. en

Emenda 7

Proposta għal direttiva
Premessa 38

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(38) Biex jiġu evitati abbużi tad-dritt ta' stabbiliment u biex jiġu evitati każijiet fejn istituzzjoni ta' pagament tistabbilixxi ruħha fi Stat Membru mingħajr ma tippjana li twettaq xi attività f'dak l-Istat Membru, huwa xieraq li jkun meħtieġ li istituzzjoni ta' pagament li titlob awtorizzazzjoni fi Stat Membru tipprovdi mill-inqas parti min-negozju tagħha ta' servizzi ta' pagament f'dak l-Istat Membru. L-obbligu għal istituzzjoni li twettaq parti min-negozju tagħha fil-pajjiż ta' oriġini tagħha, li kien diġà impost mid-Direttiva (UE) 2015/2366, ġie interpretat b'mod differenti ħafna, b'xi pajjiżi ta' oriġini jimponu li l-biċċa l-kbira tan-negozju jitwettaq f'pajjiżhom. "Parti" jenħtieġ li tfisser inqas mill-maġġoranza tan-negozju tal-istituzzjoni sabiex jiġi ppreservat l-"effett utli" tal-libertà tal-istituzzjoni ta' pagament li tipprovdi servizzi transfruntiera.	(38) Biex jiġu evitati abbużi tad-dritt ta' stabbiliment u biex jiġu evitati każijiet fejn istituzzjoni ta' pagament tistabbilixxi ruħha fi Stat Membru mingħajr ma tippjana li twettaq xi attività f'dak l-Istat Membru, huwa xieraq li jkun meħtieġ li istituzzjoni ta' pagament li titlob awtorizzazzjoni fi Stat Membru tipprovdi mill-inqas parti min-negozju tagħha ta' servizzi ta' pagament f'dak l-Istat Membru. L-obbligu għal istituzzjoni li twettaq parti min-negozju tagħha fil-pajjiż ta' oriġini tagħha, li kien diġà impost mid-Direttiva (UE) 2015/2366, ġie interpretat b'mod differenti ħafna, b'xi pajjiżi ta' oriġini jimponu li l-biċċa l-kbira tan-negozju jitwettaq f'pajjiżhom. "Parti" jenħtieġ li ***tkun interpretata li*** tfisser inqas mill-maġġoranza tan-negozju tal-istituzzjoni sabiex jiġi ppreservat l-"effett utli" tal-libertà tal-istituzzjoni ta' pagament li tipprovdi servizzi transfruntiera.

Or. en

Emenda 8

Proposta għal direttiva
Premessa 49

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(49) Sabiex l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jissorveljaw kif xieraq l-istituzzjonijiet ta' pagament, huwa xieraq li dawk l-awtoritajiet jingħataw setgħat	(49) Sabiex l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jissorveljaw kif xieraq l-istituzzjonijiet ta' pagament, huwa xieraq li dawk l-awtoritajiet jingħataw setgħat

investigattivi u superviżorji u l-possibbiltà li jimponu penali u miżuri amministrattivi meħtieġa biex iwettqu l-kompiti tagħhom. Għall-istess raġuni, huwa xieraq li l-awtoritajiet kompetenti jingħataw is-setgħa li jitolbu informazzjoni, iwettqu spezzjonijiet fuq il-post u joħorġu rakkomandazzjonijiet, linji gwida u deċiżjonijiet amministrattivi vinkolanti. Jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu dispożizzjonijiet nazzjonali fir-rigward tas-sospensjoni jew l-irtirar tal-awtorizzazzjoni ta' istituzzjoni ta' pagament. Jenħtieġ li l-Istati Membri jagħtu s-setgħa lill-awtoritajiet kompetenti tagħhom biex jimponu sanzjonijiet u miżuri amministrattivi mmirati speċifikament biex itemmu l-ksur tad-dispożizzjonijiet li jikkonċernaw is-superviżjoni jew it-twettiq tan-negozju ta' servizzi ta' pagament.	investigattivi u superviżorji u l-possibbiltà li jimponu penali u miżuri amministrattivi meħtieġa biex iwettqu l-kompiti tagħhom. Għall-istess raġuni, huwa xieraq li l-awtoritajiet kompetenti jingħataw is-setgħa li jitolbu informazzjoni, iwettqu spezzjonijiet fuq il-post u joħorġu rakkomandazzjonijiet, linji gwida u deċiżjonijiet amministrattivi vinkolanti. Jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu dispożizzjonijiet nazzjonali***, armonizzati skont id-dispożizzjonijiet stabbiliti f'din id-Direttiva,*** fir-rigward tas-sospensjoni jew l-irtirar tal-awtorizzazzjoni ta' istituzzjoni ta' pagament. Jenħtieġ li l-Istati Membri jagħtu s-setgħa lill-awtoritajiet kompetenti tagħhom biex jimponu sanzjonijiet u miżuri amministrattivi mmirati speċifikament biex itemmu l-ksur tad-dispożizzjonijiet li jikkonċernaw is-superviżjoni jew it-twettiq tan-negozju ta' servizzi ta' pagament.

Or. en

Emenda 9

Proposta għal direttiva
Premessa 50

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(50) Minħabba l-firxa wiesgħa ta' mudelli ta' negozju possibbli fl-industrija tal-pagamenti, huwa xieraq li jitħalla ċertu grad ta' diskrezzjoni superviżorja biex jiġi żgurat li l-istess riskji jiġu ttrattati bl-istess mod.	(50) Minħabba l-firxa wiesgħa ta' mudelli ta' negozju possibbli fl-industrija tal-pagamenti, huwa xieraq li jitħalla ċertu grad ta' diskrezzjoni superviżorja biex jiġi żgurat li l-istess riskji jiġu ttrattati bl-istess mod ***fost l-Istati Membri kollha***.

Or. en

Emenda 10

Proposta għal direttiva
Premessa 57

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(57) Jenħtieġ li l-Istati Membri ikunu jistgħu jeżiġu li l-istituzzjonijiet ta' pagament li joperaw fit-territorju tagħhom u li l-uffiċċju prinċipali tagħhom jinsab fi Stat Membru ieħor, jirrapportaw perjodikament lilhom dwar l-attivitajiet tagħhom fit-territorji tagħhom għal finijiet ta' informazzjoni jew ta' statistika. Meta dawk l-istituzzjonijiet ta' pagament joperaw skont id-dritt ta' stabbiliment, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat/i Membru/i ospitanti jenħtieġ li jkunu jistgħu jirrikjedu li dik l-informazzjoni tintuża wkoll għall-monitoraġġ tal-konformità mar-Regolament XXX [PSR]. L-istess jenħtieġ li japplika meta ma jkun hemm l-ebda stabbiliment fl-Istat/i Membru/i ospitanti, u l-istituzzjoni ta' pagament tkun qed tipprovdi servizzi fl-Istat/i Membru/i ospitanti abbażi tal-forniment liberu ta' servizzi. Sabiex tiġi ffaċilitata s-superviżjoni ta' networks ta' aġenti, distributuri jew fergħat mill-awtoritajiet kompetenti, huwa xieraq li l-Istati Membri fejn joperaw l-aġenti, id-distributuri jew il-fergħat ikunu jistgħu jirrikjedu li l-istituzzjoni ta' pagament prinċipali taħtar punt ta' kuntatt ċentrali fit-territorju tagħhom. Jenħtieġ li l-EBA tiżviluppa abbozz ta' standards regolatorji li jistabbilixxu l-kriterji biex jiddeterminaw meta jixraq li jinħatar punt ta' kuntatt ċentrali u x'jenħtieġ li jkunu l-funzjonijiet tiegħu. Filwaqt li tagħmel dan, jenħtieġ li l-EBA tqis l-esperjenza miksuba fl-applikazzjoni tar-Regolamenti Delegati tal-Kummissjoni (UE) 2021/1722[44] and 2020/1423[45] . Jenħtieġ li r-rekwiżit għall-ħatra ta' punt ta' kuntatt ċentrali jkun proporzjonat mal-kisba tal-għan ta' komunikazzjoni u rapportar ta' informazzjoni adegwati dwar il-konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti fir-Regolament XXX [PSR] fl-Istat Membru ospitanti.	(57) Jenħtieġ li l-Istati Membri ikunu jistgħu jeżiġu li l-istituzzjonijiet ta' pagament li joperaw fit-territorju tagħhom u li l-uffiċċju prinċipali tagħhom jinsab fi Stat Membru ieħor, jirrapportaw perjodikament lilhom dwar l-attivitajiet tagħhom fit-territorji tagħhom għal finijiet ta' informazzjoni jew ta' statistika. Meta dawk l-istituzzjonijiet ta' pagament joperaw skont id-dritt ta' stabbiliment, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat/i Membru/i ospitanti jenħtieġ li jkunu jistgħu jirrikjedu li dik l-informazzjoni tintuża wkoll għall-monitoraġġ tal-konformità mar-Regolament XXX [PSR]. L-istess jenħtieġ li japplika meta ma jkun hemm l-ebda stabbiliment fl-Istat/i Membru/i ospitanti, u l-istituzzjoni ta' pagament tkun qed tipprovdi servizzi fl-Istat/i Membru/i ospitanti abbażi tal-forniment liberu ta' servizzi. Sabiex tiġi ffaċilitata s-superviżjoni ta' networks ta' aġenti, distributuri jew fergħat mill-awtoritajiet kompetenti, huwa xieraq li l-Istati Membri fejn joperaw l-aġenti, id-distributuri jew il-fergħat ikunu jistgħu jirrikjedu li l-istituzzjoni ta' pagament prinċipali taħtar punt ta' kuntatt ċentrali fit-territorju tagħhom. ***Meta Stat Membru ma jimponix rekwiżit bħal dan, jenħtieġ li kull istituzzjoni ta' pagament taħtar punt ta' kuntatt ċentrali wieħed biss għal kull Stat Membru.*** Jenħtieġ li l-EBA tiżviluppa abbozz ta' standards regolatorji li jistabbilixxu l-kriterji biex jiddeterminaw meta jixraq li jinħatar punt ta' kuntatt ċentrali u x'jenħtieġ li jkunu l-funzjonijiet tiegħu. Filwaqt li tagħmel dan, jenħtieġ li l-EBA tqis l-esperjenza miksuba fl-applikazzjoni tar-Regolamenti Delegati tal-Kummissjoni (UE) 2021/1722[44] and 2020/1423[45] . Jenħtieġ li r-rekwiżit għall-ħatra ta' punt ta' kuntatt ċentrali jkun proporzjonat mal-kisba tal-għan ta' komunikazzjoni u rapportar ta' informazzjoni adegwati dwar il-konformità

mad-dispożizzjonijiet rilevanti fir-Regolament XXX [PSR] fl-Istat Membru ospitanti.

---

[44] Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/1722 tat-18 ta' Ġunju 2021 li jissupplimenta d-Direttiva (UE) 2015/2366 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw il-qafas għall-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri domiċiljari u dawk ospitanti fil-kuntest tas-superviżjoni tal-istituzzjonijiet ta' pagament u l-istituzzjonijiet tal-flus elettroniċi li jagħtu servizzi ta' pagament f'livell transfruntier (ĠU L 343, 28.9.2021, p. 1).

[45] Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/1423 tal-14 ta' Marzu 2019 dwar is-supplimentazzjoni tad-Direttiva (UE) 2015/2366 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji dwar il-kriterji għall-ħatra ta' punti ta' kuntatt ċentrali fil-qasam tas-servizzi ta' pagament u dwar il-funzjonijiet ta' dawk il-punti ta' kuntatt ċentrali (ĠU L 328, 9.10.2020, p. 1).

---

[44] Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/1722 tat-18 ta' Ġunju 2021 li jissupplimenta d-Direttiva (UE) 2015/2366 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw il-qafas għall-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri domiċiljari u dawk ospitanti fil-kuntest tas-superviżjoni tal-istituzzjonijiet ta' pagament u l-istituzzjonijiet tal-flus elettroniċi li jagħtu servizzi ta' pagament f'livell transfruntier (ĠU L 343, 28.9.2021, p. 1).

[45] Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/1423 tal-14 ta' Marzu 2019 dwar is-supplimentazzjoni tad-Direttiva (UE) 2015/2366 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji dwar il-kriterji għall-ħatra ta' punti ta' kuntatt ċentrali fil-qasam tas-servizzi ta' pagament u dwar il-funzjonijiet ta' dawk il-punti ta' kuntatt ċentrali (ĠU L 328, 9.10.2020, p. 1).

Or. en

Emenda 11

Proposta għal direttiva
Premessa 62

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(62) Biex ikompli jittejjeb l-aċċess għall-flus kontanti, li hija prijorità tal-Kummissjoni, il-bejjiegħa bl-imnut jenħtieġ li jkunu jistgħu joffru, fi ħwienet fiżiċi, servizzi ta' forniment ta' flus kontanti anki fin-nuqqas ta' xiri minn klijent, mingħajr ma jkollhom għalfejn jiksbu awtorizzazzjoni ta' fornitur ta'	(62) Biex ikompli jittejjeb l-aċċess għall-flus kontanti, li hija prijorità tal-Kummissjoni, il-bejjiegħa bl-imnut jenħtieġ li jkunu jistgħu joffru, fi ħwienet fiżiċi, servizzi ta' forniment ta' flus kontanti anki fin-nuqqas ta' xiri minn klijent, mingħajr ma jkollhom għalfejn jiksbu awtorizzazzjoni ta' fornitur ta'

servizzi ta’ pagament, jew reġistrazzjoni jew ikunu aġent ta’ istituzzjoni ta’ pagament. Dawk is-servizzi ta’ forniment ta’ flus jenħtieġ, madankollu, li jkunu soġġetti għall-obbligu ta’ divulgazzjoni tat-tariffi mitluba lill-klijent, jekk ikun hemm. Dawn is-servizzi jenħtieġ li jiġu pprovduti mill-bejjiegħa bl-imnut fuq bażi volontarja u jenħtieġ li jkunu jiddependu fuq id-disponibbiltà ta’ flus kontanti mill-bejjiegħ bl-imnut. Sabiex tiġi evitata kompetizzjoni inġusta bejn l-amministraturi tal-ATMs li ma jġestixxux kontijiet ta’ pagament u l-bejjiegħa bl-imnut li joffru ġbid ta’ flus mingħajr xiri, u biex jiġi żgurat li l-ħwienet ma jitilfux b’mod rapidu l-flus kontanti, huwa xieraq li jiġi impost limitu massimu ta’ EUR ***50*** għal kull tranżazzjoni.	servizzi ta’ pagament, jew reġistrazzjoni jew ikunu aġent ta’ istituzzjoni ta’ pagament. Dawk is-servizzi ta’ forniment ta’ flus jenħtieġ, madankollu, li jkunu soġġetti għall-obbligu ta’ divulgazzjoni tat-tariffi mitluba lill-klijent, jekk ikun hemm. Dawn is-servizzi jenħtieġ li jiġu pprovduti mill-bejjiegħa bl-imnut fuq bażi volontarja u jenħtieġ li jkunu jiddependu fuq id-disponibbiltà ta’ flus kontanti mill-bejjiegħ bl-imnut. Sabiex tiġi evitata kompetizzjoni inġusta bejn l-amministraturi tal-ATMs li ma jġestixxux kontijiet ta’ pagament u l-bejjiegħa bl-imnut li joffru ġbid ta’ flus mingħajr xiri, u biex jiġi żgurat li l-ħwienet ma jitilfux b’mod rapidu l-flus kontanti, huwa xieraq li jiġi impost limitu massimu ta’ EUR ***100*** għal kull tranżazzjoni.

Or. en

Emenda 12

Proposta għal direttiva
Premessa 66a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(66a) Jenħtieġ li l-EBA tikkoordina forum ta’ kollaborazzjoni, mill-inqas darba kull sena, bejn l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti sabiex tiġi ffaċilitata iktar armonizzazzjoni fir-rigward tat-traspożizzjoni, tal-implimentazzjoni u tal-infurzar tad-dispożizzjonijiet stabbiliti f’din id-Direttiva.

Or. en

Emenda 13

Proposta għal direttiva
Premessa 71

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(71) L-istituzzjonijiet ta’ pagament mhumiex inklużi fil-lista ta’ entitajiet li jaqgħu taħt id-definizzjoni ta’ “istituzzjonijiet” fl-Artikolu 2, il-punt (b) tad-Direttiva 98/26/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[47] . Konsegwentement, l-istituzzjonijiet ta’ pagament effettivament mhux qed jitħallew jipparteċipaw f’sistemi ta’ pagament innominati mill-Istati Membri skont din id-Direttiva. Dan in-nuqqas ta’ aċċess għal ċerti sistemi ta’ pagament ewlenin jista’ jimpedixxi lill-istituzzjonijiet ta’ pagament milli jipprovdu firxa sħiħa ta’ servizzi ta’ pagament lill-klijenti tagħhom b’mod effettiv u kompetittiv. Għalhekk huwa ġġustifikat li l-istituzzjonijiet ta’ pagament jiġu inklużi taħt id-definizzjoni ta’ “istituzzjonijiet” f’din id-Direttiva, iżda biss għall-fini ta’ sistemi ta’ pagament, u mhux għal sistemi ta’ saldu ta’ titoli. Jenħtieġ li l-istituzzjonijiet ta’ pagament jissodisfaw ir-rekwiżiti u jirrispettaw ir-regoli tas-sistemi ta’ pagament li għandhom jitħallew jipparteċipaw f’dawk is-sistemi. Ir-Regolament XXX [PSR] jistabbilixxi rekwiżiti dwar l-operaturi tas-sistemi ta’ pagament rigward l-ammissjoni ta’ applikanti ġodda għall-parteċipazzjoni, inkluż fir-rigward ta’ valutazzjoni tar-riskji rilevanti. Minħabba l-importanza li jiġu restawrati kemm jista’ jkun malajr il-kundizzjonijiet ekwi bejn il-banek u l-entitajiet mhux bankarji u meta jitqies l-impatt li s-sitwazzjoni attwali tikkawża għall-kompetizzjoni fis-swieq tal-pagamenti, huwa meħtieġ li l-Istati Membri jingħataw skadenza iqsar għat-traspożizzjoni u l-applikazzjoni ta’ din id-dispożizzjoni l-ġdida fid-Direttiva 98/26/KE milli għad-dispożizzjonijiet l-oħra tad-Direttiva preżenti. Huwa għalhekk xieraq li l-Istati Membri jintalbu jittrasponu din id-dispożizzjoni l-ġdida fil-liġi nazzjonali tagħhom fi żmien ***6*** xhur mid-dħul fis-seħħ ta’ din id-Direttiva, minflok	(71) L-istituzzjonijiet ta’ pagament mhumiex inklużi fil-lista ta’ entitajiet li jaqgħu taħt id-definizzjoni ta’ “istituzzjonijiet” fl-Artikolu 2, il-punt (b) tad-Direttiva 98/26/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[47] . Konsegwentement, l-istituzzjonijiet ta’ pagament effettivament mhux qed jitħallew jipparteċipaw f’sistemi ta’ pagament innominati mill-Istati Membri skont din id-Direttiva. Dan in-nuqqas ta’ aċċess għal ċerti sistemi ta’ pagament ewlenin jista’ jimpedixxi lill-istituzzjonijiet ta’ pagament milli jipprovdu firxa sħiħa ta’ servizzi ta’ pagament lill-klijenti tagħhom b’mod effettiv u kompetittiv. Għalhekk huwa ġġustifikat li l-istituzzjonijiet ta’ pagament jiġu inklużi taħt id-definizzjoni ta’ “istituzzjonijiet” f’din id-Direttiva, iżda biss għall-fini ta’ sistemi ta’ pagament, u mhux għal sistemi ta’ saldu ta’ titoli. Jenħtieġ li l-istituzzjonijiet ta’ pagament jissodisfaw ir-rekwiżiti u jirrispettaw ir-regoli tas-sistemi ta’ pagament li għandhom jitħallew jipparteċipaw f’dawk is-sistemi. Ir-Regolament XXX [PSR] jistabbilixxi rekwiżiti dwar l-operaturi tas-sistemi ta’ pagament rigward l-ammissjoni ta’ applikanti ġodda għall-parteċipazzjoni, inkluż fir-rigward ta’ valutazzjoni tar-riskji rilevanti. Minħabba l-importanza li jiġu restawrati kemm jista’ jkun malajr il-kundizzjonijiet ekwi bejn il-banek u l-entitajiet mhux bankarji u meta jitqies l-impatt li s-sitwazzjoni attwali tikkawża għall-kompetizzjoni fis-swieq tal-pagamenti, huwa meħtieġ li l-Istati Membri jingħataw skadenza iqsar għat-traspożizzjoni u l-applikazzjoni ta’ din id-dispożizzjoni l-ġdida fid-Direttiva 98/26/KE milli għad-dispożizzjonijiet l-oħra tad-Direttiva preżenti. Huwa għalhekk xieraq li l-Istati Membri jintalbu jittrasponu din id-dispożizzjoni l-ġdida fil-liġi nazzjonali tagħhom fi żmien ***3*** xhur mid-dħul fis-seħħ ta’ din id-Direttiva, minflok

it-18-il xahar li japplikaw għad-dispożizzjonijiet l-oħra ta’ din id-Direttiva.

[47] Id-Direttiva 98/26/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta’ Mejju 1998 dwar finalità ta’ settlement fis-sistemi ta’ settlement ta’ pagamenti u titoli (ĠU L 166, 11.6.1998, p. 45).

it-18-il xahar li japplikaw għad-dispożizzjonijiet l-oħra ta’ din id-Direttiva.

[47] Id-Direttiva 98/26/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta’ Mejju 1998 dwar finalità ta’ settlement fis-sistemi ta’ settlement ta’ pagamenti u titoli (ĠU L 166, 11.6.1998, p. 45).

Or. en

Emenda 14

Proposta għal direttiva
Premessa 74

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(74) F’konformità mal-prinċipji ta’ regolamentazzjoni aħjar, din id-Direttiva jenħtieġ li tiġi rieżaminata għall-effettività u l-effiċjenza tagħha biex tilħaq l-objettivi tagħha, kif stabbilit fil-valutazzjoni tal-impatt li takkumpanjaha. Ir-rieżami jenħtieġ li jsir biżżejjed żmien wara d-dħul fis-seħħ, biex jiġi bbażat fuq evidenza xierqa. Ħames snin huma meqjusa bħala perjodu xieraq. Filwaqt li r-rieżami jenħtieġ li jikkunsidra d-Direttiva kollha, ċerti suġġetti għandhom jiġu identifikati għal attenzjoni partikolari, jiġifieri l-kamp ta’ applikazzjoni u s-salvagwardja tal-fondi tal-istituzzjonijiet ta’ pagament li jistgħu jiġu affettwati mir-regoli proposti mill-Kummissjoni fit-18 ta’ April 2023[50] li, meta jiġu adottati, jemendaw id-Direttiva 2014/49/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta’ April 2014 dwar skemi ta’ garanzija tad-depożiti. Fir-rigward tal-kamp ta’ applikazzjoni ta’ din id-Direttiva, madankollu, huwa xieraq li jsir rieżami qabel, 3 snin wara d-dħul fis-seħħ, minħabba l-importanza marbuta ma’ dan is-suġġett fir-Regolament (UE) 2022/2554. Jenħtieġ li dak ir-rieżami tal-ambitu jikkunsidra kemm l-estensjoni possibbli	(74) F’konformità mal-prinċipji ta’ regolamentazzjoni aħjar, din id-Direttiva jenħtieġ li tiġi rieżaminata għall-effettività u l-effiċjenza tagħha biex tilħaq l-objettivi tagħha, kif stabbilit fil-valutazzjoni tal-impatt li takkumpanjaha. Ir-rieżami jenħtieġ li jsir biżżejjed żmien wara d-dħul fis-seħħ, biex jiġi bbażat fuq evidenza xierqa. Ħames snin huma meqjusa bħala perjodu xieraq. Filwaqt li r-rieżami jenħtieġ li jikkunsidra d-Direttiva kollha, ċerti suġġetti għandhom jiġu identifikati għal attenzjoni partikolari, jiġifieri l-kamp ta’ applikazzjoni u s-salvagwardja tal-fondi tal-istituzzjonijiet ta’ pagament li jistgħu jiġu affettwati mir-regoli proposti mill-Kummissjoni fit-18 ta’ April 2023[50] li, meta jiġu adottati, jemendaw id-Direttiva 2014/49/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta’ April 2014 dwar skemi ta’ garanzija tad-depożiti. Fir-rigward tal-kamp ta’ applikazzjoni ta’ din id-Direttiva, madankollu, huwa xieraq li jsir rieżami qabel, 3 snin wara d-dħul fis-seħħ, minħabba l-importanza marbuta ma’ dan is-suġġett fir-Regolament (UE) 2022/2554. Jenħtieġ li dak ir-rieżami tal-ambitu jikkunsidra kemm l-estensjoni possibbli

tal-lista ta’ servizzi ta’ pagament koperti biex tinkludi servizzi bħal dawk imwettqa minn sistemi ta’ pagament u skemi ta’ pagament, kif ukoll l-inklużjoni possibbli fl-ambitu ta’ xi servizzi tekniċi li bħalissa huma esklużi**.**	tal-lista ta’ servizzi ta’ pagament koperti biex tinkludi servizzi bħal dawk imwettqa minn sistemi ta’ pagament u skemi ta’ pagament, kif ukoll l-inklużjoni possibbli fl-ambitu ta’ xi servizzi tekniċi li bħalissa huma esklużi***, inkluż dispożizzjonijiet relatati ma’ fornituri ta’ servizzi ta’ informazzjoni dwar il-kontijiet filwaqt li jitqiesu d-dispożizzjonijiet rilevanti li jinsabu fir-Regolament (UE) XXX (FIDA)[50a].***
[50] COM(2023) 228 final.	[50] COM(2023) 228 final. ***[50a] COM(2023) 360 final***.

Or. en

Emenda 15

Proposta għal direttiva
Premessa 77

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(77) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ġie kkonsultat f’konformità mal-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725 u ta l-opinjoni tiegħu ***fi [XX XX 2023]***,	(77) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ġie kkonsultat f’konformità mal-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725 u ta l-opinjoni tiegħu ***fit-22 ta’ Awwissu 2023***,

Or. en

Emenda 16

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 24

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(24) “fornitur ta’ servizzi tekniċi” tfisser fornitur ta’ servizzi li***, għalkemm mhumiex servizzi ta’ pagament, huma meħtieġa biex jappoġġaw il-forniment*** ta’ servizzi ta’ pagament, mingħajr ma ***l-***	(24) “fornitur ta’ servizzi tekniċi” tfisser fornitur ta’ servizzi li ***jappoġġja l-forniment*** ta’ servizzi ta’ pagament, mingħajr ma jidħol fi kwalunkwe ħin fil-

fornitur ta' servizzi tekniċi jidħol fi kwalunkwe ħin fil-pussess tal-fondi li jridu jiġu ttrasferiti;	pussess tal-fondi li jridu jiġu ttrasferiti;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Allinjament mad-definizzjoni fil-PSR

Emenda 17

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 27

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(27) "Servizzi ***tal-informazzjoni u t-teknoloġija*** (ICT)" tfisser Servizzi tal-ICT kif definit fl-Artikolu 3, il-punt 21 tar-Regolament (UE) 2022/2554;	(27) "Servizzi ***tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni*** (ICT)" tfisser Servizzi tal-ICT kif definit fl-Artikolu 3, il-punt 21 tar-Regolament (UE) 2022/2554;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Emenda teknika

Emenda 18

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 28

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(28) "aġent" tfisser persuna fiżika jew ġuridika li taġixxi f'isem istituzzjoni ta' pagament fil-forniment ta' servizzi ta' pagament;	(28) "aġent" tfisser persuna fiżika jew ġuridika li taġixxi f'isem istituzzjoni ta' pagament fil-forniment ta' servizzi ta' pagament***, bl-eċċezzjoni ta' servizzi ta' flus elettroniċi***;

Or. en

Emenda 19

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 38

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(38) "amministratur tal-ATMs" tfisser operaturi ta' kaxxiera awtomatiċi li ma ***jġestux*** kontijiet ta' pagament.	(38) "amministratur tal-ATMs" tfisser operaturi ta' kaxxiera awtomatiċi li ma ***għandhomx*** kontijiet ta' pagament.

Or. en

Emenda 20

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-awtorizzazzjoni msemmija ***fl-ewwel subparagrafu*** għandha tkun meħtieġa biss għal dawk is-servizzi ta' pagament li l-istituzzjonijiet ta' pagament applikanti jkunu beħsiebhom jipprovdu effettivament.	2. L-awtorizzazzjoni msemmija ***fil-paragrafu 1*** għandha tkun meħtieġa biss għal dawk is-servizzi ta' pagament li l-istituzzjonijiet ta' pagament applikanti jkunu beħsiebhom jipprovdu effettivament.

Or. en

Emenda 21

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt j – punt iii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(iii) għall-istituzzjonijiet applikanti li jixtiequ jdaħħlu arranġamenti ta' kondiviżjoni tal-informazzjoni ma' fornituri oħra ta' servizzi ta' pagament għall-iskambju ta' data relatata mal-frodi fil-pagamenti kif imsemmi fl-Artikolu ***83(5)*** tar-Regolament XXX [PSR], il-konklużjonijiet tal-valutazzjoni tal-impatt fuq il-protezzjoni tad-data msemmija fl-	(iii) għall-istituzzjonijiet applikanti li jixtiequ jdaħħlu arranġamenti ta' kondiviżjoni tal-informazzjoni ma' fornituri oħra ta' servizzi ta' pagament għall-iskambju ta' data relatata mal-frodi fil-pagamenti kif imsemmi fl-Artikolu ***83(3)*** tar-Regolament XXX [PSR], il-konklużjonijiet tal-valutazzjoni tal-impatt fuq il-protezzjoni tad-data msemmija fl-

Artikolu ***83(5)*** tar-Regolament XXX [PSR] u skont l-Artikolu 35 tar-Regolament (UE) 2016/679 u, fejn applikabbli, l-eżitu tal-konsultazzjoni minn qabel tal-awtorità superviżorja kompetenti skont l-Artikolu 36 ta' dan ir-Regolament;	Artikolu ***83(4)*** tar-Regolament XXX [PSR] u skont l-Artikolu 35 tar-Regolament (UE) 2016/679 u, fejn applikabbli, l-eżitu tal-konsultazzjoni minn qabel tal-awtorità superviżorja kompetenti skont l-Artikolu 36 ta' dan ir-Regolament;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Korrezzjoni ta' referenza teknika

Emenda 22

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 4 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-impriżi japplikaw għal awtorizzazzjoni biex jipprovdu servizzi ta' pagament kif imsemmi fl-Anness I, il-punt (6), bħala kundizzjoni għall-awtorizzazzjoni tagħhom, li jkollhom assigurazzjoni ta' indennizz professjonali li tkopri t-territorji li fihom joffru servizzi, jew xi garanzija komparabbli oħra kontra r-responsabbiltà, biex jiżguraw li:	4. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-impriżi japplikaw għal awtorizzazzjoni biex jipprovdu servizzi ta' pagament kif imsemmi fl-Anness I, il-punt (6), bħala kundizzjoni għall-awtorizzazzjoni tagħhom, li jkollhom ***kapital inizjali minimu ta' EUR 50 000, jew*** assigurazzjoni ta' indennizz professjonali li tkopri t-territorji li fihom joffru servizzi, jew xi garanzija komparabbli oħra kontra r-responsabbiltà, biex jiżguraw li:

Or. en

Emenda 23

Proposta għal direttiva
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) meta l-istituzzjoni ta' pagament tipprovdi servizzi ta' flus elettroniċi, il-kapital tagħha ma għandu fl-ebda ħin ikun	(d) meta l-istituzzjoni ta' pagament tipprovdi servizzi ta' flus elettroniċi, il-kapital tagħha ma għandu fl-ebda ħin ikun

inqas minn EUR ***400 000***.	inqas minn EUR ***350 000***.

Or. en

Emenda 24

Proposta għal direttiva
Artikolu 10 – paragrafu 4 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) minkejja r-regoli nazzjonali dwar il-forniment ta' kreditu permezz ta' emittenti ta' kards ta' kreditu, il-kreditu mogħti b'konnessjoni ma' pagament u mwettaq f'konformità mal-Artikolu 13(6) u l-Artikolu 30 jrid jitħallas lura f'perjodu qasir, li fl-ebda każ ma għandu jaqbeż it-12-il xahar;	***imħassar***

Or. en

Emenda 25

Proposta għal direttiva
Artikolu 17 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-istituzzjonijiet ta' pagament awtorizzati f'konformità mal-Artikolu 13 ***u l-aġenti tagħhom*** u l-aġenti jew id-distributuri tagħhom, jekk ikun hemm;	(a) l-istituzzjonijiet ta' pagament awtorizzati f'konformità mal-Artikolu 13 u l-aġenti jew id-distributuri tagħhom, jekk ikun hemm;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Emenda teknika

Emenda 26

Proposta għal direttiva
Artikolu 19 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-istituzzjonijiet ta' pagament li beħsiebhom jipprovdu servizzi ta' pagament permezz ta' aġenti għandhom jikkomunikaw lill-awtoritajiet kompetenti fl-Istat Membru domiċiljari tagħhom l-informazzjoni kollha li ġejja:	1. L-istituzzjonijiet ta' pagament li beħsiebhom jipprovdu servizzi ta' pagament***, għajr servizzi ta' flus elettroniċi,*** permezz ta' aġenti għandhom jikkomunikaw lill-awtoritajiet kompetenti fl-Istat Membru domiċiljari tagħhom l-informazzjoni kollha li ġejja:

Or. en

Ġustifikazzjoni

Allinjament tad-dispożizzjonijiet dwar l-użu ta' aġenti - Is-servizzi ta' flus elettroniċi jużaw distributuri biss, mhux aġenti. Għalhekk dan jeħtieġ li jkun espliċitu fit-test

Emenda 27

Proposta għal direttiva
Artikolu 19 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari jikkomunikaw lill-istituzzjoni ta' pagament fi żmien ***xahrejn*** minn meta jirċievu l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, jekk l-aġent ikunx iddaħħal fir-reġistru msemmi fl-Artikolu 17. Mad-dħul fir-reġistru, l-aġent jista' jibda jipprovdi servizzi ta' pagament.	2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari jikkomunikaw lill-istituzzjoni ta' pagament fi żmien ***xahar*** minn meta jirċievu l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, jekk l-aġent ikunx iddaħħal fir-reġistru msemmi fl-Artikolu 17. Mad-dħul fir-reġistru, l-aġent jista' jibda jipprovdi servizzi ta' pagament.

Or. en

Emenda 28

Proposta għal direttiva
Artikolu 30 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-istituzzjonijiet ta' pagament li jkollhom l-intenzjoni li jesternalizzaw funzjonijiet operattivi tas-servizzi ta' pagament jew ta' flus elettroniċi lil entitajiet oħra fl-Istat Membru ospitanti, jinfurmaw lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari tagħhom b'dan.	L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-istituzzjonijiet ta' pagament li jkollhom l-intenzjoni li jesternalizzaw funzjonijiet operattivi tas-servizzi ta' pagament jew ta' flus elettroniċi lil entitajiet oħra fl-Istat Membru ospitanti, jinfurmaw ***immedjatament*** lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari tagħhom b'dan.

Or. en

Emenda 29

Proposta għal direttiva
Artikolu 30 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fi żmien ***xahar*** minn meta jirċievu l-informazzjoni kollha msemmija fil-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari għandhom jibagħtu dik l-informazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ospitanti. Meta s-servizzi jiġu pprovduti permezz ta' Stat Membru terz, l-Istat Membru li jrid jiġi nnotifikat għandu jkun dak li fih is-servizzi jiġu pprovduti lill-utenti ta' servizzi ta' pagament.	Fi żmien ***10 ijiem ta' xogħol*** minn meta jirċievu l-informazzjoni kollha msemmija fil-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari għandhom jibagħtu dik l-informazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ospitanti. Meta s-servizzi jiġu pprovduti permezz ta' Stat Membru terz, l-Istat Membru li jrid jiġi nnotifikat għandu jkun dak li fih is-servizzi jiġu pprovduti lill-utenti ta' servizzi ta' pagament.

Or. en

Emenda 30

Proposta għal direttiva
Artikolu 30 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fi żmien ***xahar*** minn meta jirċievi l-informazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti	Fi żmien ***10 ijiem ta' xogħol*** minn meta jirċievi l-informazzjoni mill-awtoritajiet

tal-Istat Membru domiċiljari, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ospitanti għandhom jivvalutaw dik l-informazzjoni u jipprovdu lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari bl-informazzjoni rilevanti b'rabta mal-forniment maħsub ta' servizzi ta' pagament jew ta' flus elettroniċi mill-istituzzjoni ta' pagament rilevanti fl-eżerċizzju tal-libertà ta' stabbiliment jew il-libertà tal-forniment ta' servizzi. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ospitanti għandhom jinformaw lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari dwar kull raġuni għal tħassib b'rabta mal-intenzjoni ta' ingaġġ ta' aġent, distributur jew stabbiliment ta' fergħa fir-rigward ta' ħasil ta' flus jew finanzjament ta' terroriżmu fis-sens tad-Direttiva(UE) 2015/849. Qabel ma tagħmel dan, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti għandha tikkoordina mal-awtoritajiet kompetenti rilevanti kif imsemmi fl-Artikolu 7(2) tad-Direttiva (UE) 2015/849 biex tistabbilixxi jekk jeżistux tali raġunijiet.	kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ospitanti għandhom jivvalutaw dik l-informazzjoni u jipprovdu lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari bl-informazzjoni rilevanti b'rabta mal-forniment maħsub ta' servizzi ta' pagament jew ta' flus elettroniċi mill-istituzzjoni ta' pagament rilevanti fl-eżerċizzju tal-libertà ta' stabbiliment jew il-libertà tal-forniment ta' servizzi. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ospitanti għandhom jinformaw lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari dwar kull raġuni għal tħassib b'rabta mal-intenzjoni ta' ingaġġ ta' aġent, distributur jew stabbiliment ta' fergħa fir-rigward ta' ħasil ta' flus jew finanzjament ta' terroriżmu fis-sens tad-Direttiva(UE) 2015/849. Qabel ma tagħmel dan, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti għandha tikkoordina mal-awtoritajiet kompetenti rilevanti kif imsemmi fl-Artikolu 7(2) tad-Direttiva (UE) 2015/849 biex tistabbilixxi jekk jeżistux tali raġunijiet.
	Or. en

Emenda 31

Proposta għal direttiva
Artikolu 30 – paragrafu 3 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fi żmien ***3 xhur*** minn meta tasal l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari għandhom jikkomunikaw id-deċiżjoni tagħhom lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ospitanti u lill-istituzzjoni ta' pagament.	Fi żmien ***mhux iżjed minn 25 jum ta' xogħol*** minn meta tasal l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari għandhom jikkomunikaw id-deċiżjoni tagħhom lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ospitanti u lill-istituzzjoni ta' pagament.
	Or. en

Emenda 32

Proposta għal direttiva
Artikolu 31 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-Istati Membri jistgħu jeħtieġu li l-istituzzjonijiet ta' pagament li joperaw fit-territorju tagħhom permezz ta' aġenti, li l-uffiċċju prinċipali tagħhom ikun jinsab fi Stat Membru ieħor, jaħtru punt ta' kuntatt ċentrali fit-territorju tagħhom biex ikun żgurat li jkun hemm komunikazzjoni u rapportar ta' informazzjoni adegwati f'konformità mat-Titoli II u III tar-Regolament XXX [PSR], u biex tkun iffaċilitata s-superviżjoni mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari u l-Istati Membri ospitanti, inkluż billi l-awtoritajiet kompetenti jingħataw dokumenti u informazzjoni meta mitluba.	4. L-Istati Membri jistgħu jeħtieġu li l-istituzzjonijiet ta' pagament li joperaw fit-territorju tagħhom permezz ta' aġenti, li l-uffiċċju prinċipali tagħhom ikun jinsab fi Stat Membru ieħor, jaħtru punt ta' kuntatt ċentrali fit-territorju tagħhom biex ikun żgurat li jkun hemm komunikazzjoni u rapportar ta' informazzjoni adegwati f'konformità mat-Titoli II u III tar-Regolament XXX [PSR], u biex tkun iffaċilitata s-superviżjoni mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari u l-Istati Membri ospitanti, inkluż billi l-awtoritajiet kompetenti jingħataw dokumenti u informazzjoni meta mitluba. ***Meta Stat Membru jimponi rekwiżit bħal dan, kull istituzzjoni ta' pagament għandha taħtar punt ta' kuntatt ċentrali wieħed biss f'dak l-Istat Membru.***

Or. en

Emenda 33

Proposta għal direttiva
Artikolu 36 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Persuni fiżiċi jew ġuridiċi li jipprovdu biss is-servizz ta' pagament imsemmi fl-Anness I, il-punt (7), ma għandhomx ikunu soġġetti għal awtorizzazzjoni iżda għandhom jirreġistraw mal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari qabel ma jibdew l-attività tagħhom.	1. ***B'deroga mill-Artikolu 3,*** persuni fiżiċi jew ġuridiċi li jipprovdu biss is-servizz ta' pagament imsemmi fl-Anness I, il-punt (7), ma għandhomx ikunu soġġetti għal awtorizzazzjoni iżda għandhom jirreġistraw mal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari qabel ma jibdew l-attività tagħhom.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Kjarifika tat-test

Emenda 34

Proposta għal direttiva
Artikolu 36 – paragrafu 4 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Bħala alternattiva għar-rekwiżit ta' pussess ta' assigurazzjoni ta' indennizz professjonali stabbilit fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, l-impriżi kif imsemmija fil-paragrafu 1 jistgħu jagħżlu li jkollhom kapital inizjali ta' EUR 50 000, li jista' jiġi sostitwit b'assigurazzjoni ta' indennizz professjonali wara li dawk l-impriżi jkunu bdew l-attività tagħhom bħala istituzzjoni ta' pagament.

Or. en

Emenda 35

Proposta għal direttiva
Artikolu 36 – paragrafu 5 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Bħala alternattiva għall-pussess ta' assigurazzjoni ta' indennizz professjonali kif meħtieġ fil-paragrafi 3 u 4, l-impriżi kif imsemmija fil-paragrafu 1 għandu jkollhom kapital inizjali ta' EUR 50 000, li jista' jiġi sostitwit b'assigurazzjoni ta' indennizz professjonali wara li dawk l-impriżi jkunu bdew l-attività tagħhom bħala istituzzjoni ta' pagament, mingħajr dewmien żejjed.	***imħassar***

Or. en

Emenda 36

Proposta għal direttiva
Artikolu 37 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) l-ammont ta' flus kontanti pprovdut ma jaqbiżx il-EUR ***50*** għal kull ġbid.	(b) l-ammont ta' flus kontanti pprovdut ma jaqbiżx il-EUR ***100*** għal kull ġbid.

Or. en

Emenda 37

Proposta għal direttiva
Artikolu 38 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Persuni fiżiċi jew ġuridiċi li jipprovdu servizzi ta' ġbid ta' flus kif imsemmi fl-Anness I, il-punt 1, u li ma jġestux kontijiet ta' pagament u ma jipprovdux servizzi oħra ta' pagament imsemmija fl-Anness I, ma għandhomx ikunu soġġetti għal awtorizzazzjoni iżda għandhom jirreġistraw ma' awtorità kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari qabel jibdew l-attività tagħhom.	1. ***B'deroga mill-Artikolu 3,*** persuni fiżiċi jew ġuridiċi li jipprovdu servizzi ta' ġbid ta' flus kif imsemmi fl-Anness I, il-punt 1, u li ma jġestux kontijiet ta' pagament u ma jipprovdux servizzi oħra ta' pagament imsemmija fl-Anness I, ma għandhomx ikunu soġġetti għal awtorizzazzjoni iżda għandhom jirreġistraw ma' awtorità kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari qabel jibdew l-attività tagħhom.

Or. en

Emenda 38

Proposta għal direttiva
Artikolu 38 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. Il-persuni fiżiċi jew ġuridiċi li jipprovdu s-servizzi msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti dwar it-

	trasparenza tat-tariffi u tal-imposti stabbiliti fl-Artikolu 7 tar-Regolament XXX (PSR), u b'mod partikolari għandhom jiżguraw li tali tariffi u imposti jintwerew fil-bidu tal-forniment tas-servizzi.

Or. en

Emenda 39

Proposta għal direttiva
Artikolu 39 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Abbażi ta' dik in-notifika, l-awtorità kompetenti għandha tieħu deċiżjoni motivata kif xieraq abbażi ***ta' kriterji msemmija*** fl-Artikolu ***2(1),*** il-punt (j), tar-Regolament XXX [PSR] meta l-attività ma tikkwalifikax bħala network limitat, u tgħarraf lill-fornitur tas-servizz dwar dan.	Abbażi ta' dik in-notifika, l-awtorità kompetenti għandha tieħu deċiżjoni motivata kif xieraq abbażi ***tal-kundizzjonijiet imsemmija*** fl-Artikolu ***2(2),*** il-punt (j)***, il-punti (i) u (ii)***, tar-Regolament XXX [PSR] meta l-attività ma tikkwalifikax bħala network limitat, u tgħarraf lill-fornitur tas-servizz dwar dan.

Or. en

Emenda 40

Proposta għal direttiva
Artikolu 39 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-fornituri ta' servizz li jwettqu attività msemmija fl-Artikolu 2(1), il-punt (j), tar-Regolament XXX [PSR], jibagħtu notifika lill-awtoritajiet kompetenti u jipprovdu lill-awtoritajiet kompetenti opinjoni tal-awditjar annwali, li turi li l-attività tikkonforma mal-limiti stabbiliti fl-Artikolu 2(1), il-punt (j), tar-Regolament XXX [PSR].	***imħassar***

Or. en

Emenda 41

Proposta għal direttiva
Artikolu 39 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Id-deskrizzjoni ***tal-attività nnotifikata taħt il-paragrafi 2 u*** 3 għandha ssir disponibbli pubblikament fir- reġistri msemmija fl-Artikoli 17 u 18.	4. Id-deskrizzjoni ***tas-servizzi nnotifikati skont il-paragrafu*** 3 għandha ssir disponibbli pubblikament fir- reġistri msemmija fl-Artikoli 17 u 18.

Or. en

Emenda 42

Proposta għal direttiva
Artikolu 43 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-adegwatezza tal-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva, b'mod partikolari fir-rigward tal-possibbiltà li jiġi estiż għal ċerti servizzi, inkluż l-operat ta' sistemi ta' pagament u l-forniment ta' servizzi tekniċi inkluż l-ipproċessar jew l-operat ta' portafolji diġitali, li mhumiex koperti fil-kamp ta' applikazzjoni;	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ikun hemm żewġ rieżamijiet dwar il-kamp ta' applikazzjoni tad-direttiva (l-Artikolu 43(1) u l-Artikolu 43(2) - hija meħtieġa rieżami waħda biss tal-kamp ta' applikazzjoni, għaldaqstant din issa hija riflessa

Emenda 43

Proposta għal direttiva
Artikolu 43 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-Kummissjoni għandha, sa [l-UP idaħħal id-data = 3 snin wara d-data tal-applikazzjoni tal-PSR] tippreżenta lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-BĊE u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, rapport dwar il-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva, b'mod partikolari fir-rigward tas-sistemi ta' pagament, l-iskemi ta' pagament u ***l-fornituri*** ta' servizzi tekniċi. Fejn ikun xieraq, il-Kummissjoni għandha tissottometti proposta leġiżlattiva flimkien ma' dak ir-rapport.	2. Il-Kummissjoni għandha, sa [l-UP idaħħal id-data = 3 snin wara d-data tal-applikazzjoni tal-PSR] tippreżenta lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-BĊE u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, rapport dwar il-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva, b'mod partikolari fir-rigward tas-sistemi ta' pagament, l-iskemi ta' pagament u ***l-forniment*** ta' servizzi tekniċi***, inkluż l-ipproċessar jew l-operat ta' portafolji diġitali, li mhumiex inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni***. ***Dak ir-rapport għandu, b'mod partikolari, iqis jekk hemmx ħtieġa li jiġu rieżaminati jew magħquda dispożizzjonijiet relatati mal-forniturі ta' servizzi ta' informazzjoni dwar il-kontijiet, filwaqt li jqis id-dispożizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament (UE) XXX (FIDA)***. Fejn ikun xieraq, il-Kummissjoni għandha tissottometti proposta leġiżlattiva flimkien ma' dak ir-rapport.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Allinjament mal-elementi żejda mħassra skont l-Artikolu 43(1), is-subparagrafu 1, il-punt a

Emenda 44

Proposta għal direttiva
Artikolu 44 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jippermettu lill-istituzzjonijiet ta' pagament li jkunu ġew awtorizzati skont l-Artikolu 11 tad-Direttiva (UE) 2015/2366 sa [l-UP idaħħal id-data = 18-il xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva] biex ikomplu jipprovdu u jwettqu s-servizzi ta' pagament li għalihom ikunu ġew awtorizzati,	L-Istati Membri għandhom jippermettu lill-istituzzjonijiet ta' pagament li jkunu ġew awtorizzati skont l-Artikolu 11 tad-Direttiva (UE) 2015/2366 sa [l-UP idaħħal id-data = 18-il xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva] biex ikomplu jipprovdu u jwettqu s-servizzi ta' pagament li għalihom ikunu ġew awtorizzati,

mingħajr ma jkollhom għalfejn ifittxu awtorizzazzjoni f'konformità mal-Artikolu 3 ta' din id-Direttiva jew jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet l-oħra stabbiliti jew imsemmija fit-Titolu II ta' din id-Direttiva sa [l-UP idaħħal id-data = 24 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva].	mingħajr ma jkollhom għalfejn ifittxu awtorizzazzjoni ***ġdida*** f'konformità mal-Artikolu 3 ta' din id-Direttiva jew jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet l-oħra stabbiliti jew imsemmija fit-Titolu II ta' din id-Direttiva sa [l-UP idaħħal id-data = 24 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva].

Or. en

Emenda 45

Proposta għal direttiva
Artikolu 44 – paragrafu 1 – subparagrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri ***għandhom*** jirrikjedu li tali istituzzjonijiet ta' pagament kif imsemmi fl-ewwel subparagrafu jippreżentaw lill-awtoritajiet kompetenti l-informazzjoni ***kollha*** li tippermetti lil dawk l-awtoritajiet kompetenti jivvalutaw, sa [l-UP idaħħal id-data = 24-il xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva], waħda minn dawn li ġejjin:	L-Istati Membri ***ma għandhomx*** jirrikjedu li tali istituzzjonijiet ta' pagament kif imsemmi fl-ewwel subparagrafu jippreżentaw lill-awtoritajiet kompetenti ***kwalunkwe informazzjoni supplimentari ħlief*** l-informazzjoni li tippermetti lil dawk l-awtoritajiet kompetenti jivvalutaw, sa [l-UP idaħħal id-data = 24-il xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva], waħda minn dawn li ġejjin:

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-għan huwa li jiġi ċċarat li l-informazzjoni supplimentari miżjuda skont din id-Direttiva u l-PSR biss għall-finijiet ta' awtorizzazzjoni mill-ġdid jeħtieġ li tiġi ppreżentata lill-awtoritajiet kompetenti, filwaqt li kwalunkwe informazzjoni diġà ppreżentata b'rabta mal-awtorizzazzjoni oriġinali tal-PSD2 ma jeħtiġx li tiġi ppreżentata mill-ġdid lill-awtoritajiet kompetenti.

Emenda 46

Proposta għal direttiva
Artikolu 44 – paragrafu 1 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Istituzzjonijiet ta' pagament kif imsemmija fl-ewwel subparagrafu li wara verifika mill-awtoritajiet kompetenti jikkonformaw mat-Titolu II għandhom ***ikunu*** awtorizzati bħala istituzzjonijiet ta' pagament skont l-Artikolu 13 ta' din id-Direttiva u għandhom jiddaħħlu fir-reġistri msemmija fl-Artikoli 17 u 18. Jekk dawk l-istituzzjonijiet ta' pagament ma jikkonformawx mar-rekwiżiti stabbiliti fit-Titolu II sa [l-UP idaħħal id-data = 24-il xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva], huma għandhom ikunu ***pprojbiti*** milli jipprovdu servizzi ta' pagament.	Istituzzjonijiet ta' pagament kif imsemmija fl-ewwel subparagrafu li wara verifika mill-awtoritajiet kompetenti jikkonformaw mat-Titolu II għandhom ***jibqgħu*** awtorizzati bħala istituzzjonijiet ta' pagament skont l-Artikolu 13 ta' din id-Direttiva u għandhom jiddaħħlu fir-reġistri msemmija fl-Artikoli 17 u 18. Jekk dawk l-istituzzjonijiet ta' pagament ma jikkonformawx mar-rekwiżiti stabbiliti fit-Titolu II sa [l-UP idaħħal id-data = 24-il xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva], huma għandhom ikunu ***sospiżi*** milli jipprovdu servizzi ta' pagament ***sakemm jasal iż-żmien li jipprovdu lill-awtorità kompetenti rilevanti l-informazzjoni supplimentari meħtieġa li tiżgura l-konformità tagħhom mat-Titolu II u dik l-awtorità kompetenti tkun ivverifikat l-akkuratezza ta' dik l-informazzjoni u awtorizzat kif xieraq lill-fornitur tas-servizzi ta' pagament***.

Or. en

Emenda 47

Proposta għal direttiva
Artikolu 44 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istati Membri ***jistgħu*** jipprevedu li l-istituzzjonijiet ta' pagament kif imsemmija fil-paragrafu 1 jiġu awtorizzati awtomatikament u jiddaħħlu fir-reġistru msemmi fl-Artikolu 17 jekk l-awtoritajiet kompetenti jkollhom evidenza li dawk l-istituzzjonijiet ta' pagament diġà jikkonformaw mal-Artikoli 3 u 13. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jinfurmaw lill-istituzzjonijiet ta' pagament ikkonċernati dwar tali awtorizzazzjoni awtomatika qabel tingħata l-	2. L-Istati Membri ***għandhom*** jipprevedu li l-istituzzjonijiet ta' pagament kif imsemmija fil-paragrafu 1 jiġu awtorizzati awtomatikament u jiddaħħlu fir-reġistru msemmi fl-Artikolu 17 jekk l-awtoritajiet kompetenti jkollhom evidenza li dawk l-istituzzjonijiet ta' pagament diġà jikkonformaw mal-Artikoli 3 u 13. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jinfurmaw lill-istituzzjonijiet ta' pagament ikkonċernati dwar tali awtorizzazzjoni awtomatika qabel tingħata l-

awtorizzazzjoni.	awtorizzazzjoni.

Or. en

Emenda 48

Proposta għal direttiva
Artikolu 44 – paragrafu 3 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Kull persuna kif imsemmija fl-ewwel subparagrafu li, sa [l-UP idaħħal id-data = 18-il xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva], ma tkunx ġiet awtorizzata jew eżentata skont din id-Direttiva għandha tkun ***ipprojbita*** milli tipprovdi servizzi ta' pagament.	Kull persuna kif imsemmija fl-ewwel subparagrafu li, sa [l-UP idaħħal id-data = 18-il xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva], ma tkunx ġiet awtorizzata jew eżentata skont din id-Direttiva għandha tkun ***sospiża*** milli tipprovdi servizzi ta' pagament ***sakemm jasal iż-żmien li tipprovdi lill-awtorità kompetenti rilevanti l-informazzjoni supplimentari meħtieġa u dik l-awtorità kompetenti tkun ivverifikat l-akkuratezza ta' dik l-informazzjoni u awtorizzat kif xieraq lill-fornitur tas-servizzi ta' pagament***.

Or. en

Emenda 49

Proposta għal direttiva
Artikolu 45 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jippermettu lill-istituzzjonijiet tal-flus elettroniċi li kienu definiti fl-Artikolu 2, il-punt 1 tad-Direttiva 2009/110/KE u li qabel [l-UP idaħħal id-data = 18 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva], ikunu bdew attivitajiet f'konformità mal-liġi nazzjonali li tittrasponi d-Direttiva 2009/110/KE, bħal istituzzjonijiet tal-flus elettroniċi fl-Istat	1. L-Istati Membri għandhom jippermettu lill-istituzzjonijiet tal-flus elettroniċi li kienu definiti fl-Artikolu 2, il-punt 1 tad-Direttiva 2009/110/KE u li qabel [l-UP idaħħal id-data = 18 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva], ikunu bdew attivitajiet f'konformità mal-liġi nazzjonali li tittrasponi d-Direttiva 2009/110/KE, bħal istituzzjonijiet tal-flus elettroniċi fl-Istat

Membru li fih jinsab l-uffiċċju prinċipali tagħhom f'konformità mal-liġi nazzjonali li tittrasponi d-Direttiva 2009/110/KE, li jkomplu dawk l-attivitajiet f'dak l-Istat Membru jew fi Stat Membru ieħor mingħajr ma jkollhom għalfejn ifittxu awtorizzazzjoni f'konformità mal-Artikolu 3 ta' din id-Direttiva jew jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet l-oħra stabbiliti jew imsemmija fit-Titolu II ta' din id-Direttiva.	Membru li fih jinsab l-uffiċċju prinċipali tagħhom f'konformità mal-liġi nazzjonali li tittrasponi d-Direttiva 2009/110/KE, li jkomplu dawk l-attivitajiet f'dak l-Istat Membru jew fi Stat Membru ieħor mingħajr ma jkollhom għalfejn ifittxu awtorizzazzjoni ***ġdida*** f'konformità mal-Artikolu 3 ta' din id-Direttiva jew jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet l-oħra stabbiliti jew imsemmija fit-Titolu II ta' din id-Direttiva ***sa ... [24 xahar wara d-data ta' dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva]***.
	Or. en

Emenda 50

Proposta għal direttiva
Artikolu 45 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-istituzzjonijiet tal-flus elettroniċi msemmija fil-paragrafu 1 jippreżentaw lill-awtoritajiet kompetenti l-informazzjoni ***kollha*** li ***huma jeħtieġu li*** jivvalutaw**,** sa [l-UP idaħħal id-data = 24 xahar warad-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva], jekk dawn l-istituzzjonijiet tal-flus elettroniċi jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva. Jekk tali valutazzjoni tiżvela li dawn l-istituzzjonijiet tal-flus elettroniċi ma jikkonformawx mar-rekwiżiti, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiddeċiedu liema miżuri jridu jittieħdu biex tiġi żgurata din il-konformità, jew biex tiġi rtirata l-awtorizzazzjoni.	L-Istati Membri ***ma għandhomx*** jirrikjedu li l-istituzzjonijiet tal-flus elettroniċi msemmija fil-paragrafu 1 jippreżentaw lill-awtoritajiet kompetenti ***kwalunkwe informazzjoni supplimentari ħlief*** l-informazzjoni ***li tippermetti lil dawk l-awtoritajiet kompetenti*** jivvalutaw sa [l-UP idaħħal id-data = 24 xahar warad-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva], jekk dawn l-istituzzjonijiet tal-flus elettroniċi jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva. Jekk tali valutazzjoni tiżvela li dawn l-istituzzjonijiet tal-flus elettroniċi ma jikkonformawx mar-rekwiżiti, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiddeċiedu liema miżuri jridu jittieħdu biex tiġi żgurata din il-konformità, jew biex tiġi rtirata l-awtorizzazzjoni.
	Or. en

Emenda 51

Proposta għal direttiva
Artikolu 45 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-istituzzjonijiet tal-flus elettroniċi kif imsemmija fl-ewwel subparagrafu li wara verifika mill-awtoritajiet kompetenti jkunu jikkonformaw mat-Titolu II għandhom ikunu awtorizzati bħala istituzzjonijiet ta' pagament skont l-Artikolu 13 ta' din id-Direttiva, u għandhom jiddaħħlu fir-reġistri msemmija fl-Artikoli 17 u 18. Meta dawn l-istituzzjonijiet tal-flus elettroniċi ma jikkonformawx mar-rekwiżiti stabbiliti fit-Titolu II sa [l-UP idaħħal id-data = 24-il xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva], huma għandhom jiġu ***pprojbiti*** milli jipprovdu servizzi ta' flus elettroniċi.	L-istituzzjonijiet tal-flus elettroniċi kif imsemmija fl-ewwel subparagrafu li wara verifika mill-awtoritajiet kompetenti jkunu jikkonformaw mat-Titolu II għandhom ikunu awtorizzati bħala istituzzjonijiet ta' pagament skont l-Artikolu 13 ta' din id-Direttiva, u għandhom jiddaħħlu fir-reġistri msemmija fl-Artikoli 17 u 18. Meta dawn l-istituzzjonijiet tal-flus elettroniċi ma jikkonformawx mar-rekwiżiti stabbiliti fit-Titolu II sa [l-UP idaħħal id-data = 24-il xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva], huma għandhom jiġu ***sospiżi*** milli jipprovdu servizzi ta' flus elettroniċi ***sakemm jasal iż-żmien li jipprovdu lill-awtorità kompetenti rilevanti l-informazzjoni supplimentari meħtieġa u dik l-awtorità kompetenti tkun ivverifikat l-akkuratezza ta' dik l-informazzjoni u awtorizzat kif xieraq lill-istituzzjoni tal-flus elettroniċi***.

Or. en

Emenda 52

Proposta għal direttiva
Artikolu 45 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-Istati Membri għandhom jippermettu lill-persuni ġuridiċi li jkunu bdew, qabel [l-UP idaħħal id-data = 18 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva], attivitajiet f'konformità mal-liġi nazzjonali li tittrasponi l-Artikolu 9 tad-Direttiva 2009/110/KE, ikomplu dawk l-attivitajiet fl-Istat Membru kkonċernat f'konformità ma' dik id-Direttiva sa [l-UP	4. L-Istati Membri għandhom jippermettu lill-persuni ġuridiċi li jkunu bdew, qabel [l-UP idaħħal id-data = 18 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva], attivitajiet f'konformità mal-liġi nazzjonali li tittrasponi l-Artikolu 9 tad-Direttiva 2009/110/KE, ikomplu dawk l-attivitajiet fl-Istat Membru kkonċernat f'konformità ma' dik id-Direttiva sa [l-UP

idaħħal id-data = 24 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva], mingħajr ma jkunu meħtieġa jfittxu awtorizzazzjoni skont l-Artikolu 3 ta' din id-Direttiva jew jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet l-oħra stabbiliti jew imsemmija fit-Titolu II ta' din id-Direttiva. L-istituzzjonijiet tal-flus elettroniċi kif imsemmija fil-paragrafu 1 li, matul dak il-perjodu, ma jkunu la ġew awtorizzati u lanqas eżentati fis-sens tal-Artikolu 34 ta' din id-Direttiva, għandhom ikunu pprojbiti milli jipprovdu servizzi ta' flus elettroniċi.	idaħħal id-data = 24 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva], mingħajr ma jkunu meħtieġa jfittxu awtorizzazzjoni ***ġdida*** skont l-Artikolu 3 ta' din id-Direttiva jew jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet l-oħra stabbiliti jew imsemmija fit-Titolu II ta' din id-Direttiva. L-istituzzjonijiet tal-flus elettroniċi kif imsemmija fil-paragrafu 1 li, matul dak il-perjodu, ma jkunu la ġew awtorizzati u lanqas eżentati fis-sens tal-Artikolu 34 ta' din id-Direttiva, għandhom ikunu pprojbiti milli jipprovdu servizzi ta' flus elettroniċi.

Or. en

Emenda 53

Proposta għal direttiva
Artikolu 49 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw, sa mhux aktar tard minn [l-UP idaħħal id-data = 18-il xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva]u fi żmien, [l-UP idaħħal id-data =***6*** xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva] għall-Artikolu 46, il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni.	1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw, sa mhux aktar tard minn [l-UP idaħħal id-data = 18-il xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva]u fi żmien, [l-UP idaħħal id-data = ***3*** xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva] għall-Artikolu 46, il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni.

Or. en

Emenda 54

Proposta għal direttiva
Artikolu 49 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Huma għandhom japplikaw dawn il-miżuri minn [l-UP idaħħal id-data= 18-il xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva] u mill-[l-UP idaħħal id-data= ***6*** xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva] għall-Artikolu 46.	Huma għandhom japplikaw dawn il-miżuri minn [l-UP idaħħal id-data= 18-il xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva] u mill-[l-UP idaħħal id-data= ***3*** xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva] għall-Artikolu 46.

Or. en

Emenda 55

Proposta għal direttiva
Anness II – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Ħruġ ta' flus elettroniċi, manutenzjoni ta' kontijiet ta' pagament li jaħżnu unitajiet ta' flus elettroniċi u trasferiment ta' unitajiet ta' flus elettroniċi.	Ħruġ ta' flus elettroniċi ***u ta' tokens tal-flus elettroniċi***, manutenzjoni ta' kontijiet ta' pagament li jaħżnu unitajiet ta' flus elettroniċi u trasferiment ta' unitajiet ta' flus elettroniċi.

Or. en

NOTA SPJEGATTIVA

L-ewwel Direttiva dwar is-Servizzi ta' Pagament (PSD) ġiet adottata fl-2007 bħala l-pedament legali għall-armonizzazzjoni tas-servizzi ta' pagament madwar l-Unjoni Ewropea (UE). L-objettiv primarju tal-PSD kien li jiġu żgurati pagamenti transkonfinali effiċjenti, konvenjenti u sikuri fl-Istati Membri kollha. Il-PSD fetħet is-suq għall-istituzzjonijiet ta' pagament u ħolqot il-kompetizzjoni, filwaqt li pprovdiet għażliet ġodda għall-konsumaturi. Din ipprovdiet ukoll informazzjoni u trasparenza għall-konsumaturi.

Id-Direttiva dwar is-Servizzi ta' Pagament 2 (PSD2), adottata fl-2015, kompliet fl-istess direzzjoni tal-PSD. L-iktar punt sinifikanti tal-PSD2 kien l-awtentikazzjoni qawwija tal-konsumatur, li introduċiet il-verifika b'żewġ fażijiet tal-pagamenti individwali. Barra minn hekk, il-PSD2 ipprovdiet iktar informazzjoni għall-konsumaturi dwar l-ibbaġitjar, id-drawwiet ta' investiment, jew l-integrazzjoni tas-servizzi. Barra minn hekk, il-banek kienu obbligati li jiftħu l-interfaċċi tagħhom għal fornituri esterni tas-servizzi biex jikkondividu d-data li kienet esklużiva qabel l-introduzzjoni tal-PSD2, li jwasslu għax-xenarju attwali tas-servizzi bankarji miftuħa li għandna fl-Ewropa.

Il-Pakkett ta' Servizzi ta' Pagament ġdid - id-Direttiva dwar is-Servizzi ta' Pagament 3 (PSD3) u r-Regolament dwar is-Servizzi ta' Pagament (PSR), - huwa risposta għall-iżvilupp fix-xenarju tal-pagamenti fl-UE, li għadda minn bidliet sinifikanti. Il-PSD3 hija opportunità ta' reazzjoni għal teknoloġiji u xejriet ġodda u tiżgura li l-ekosistema tal-pagamenti tal-UE tibqa' kompetittiva. Il-PSD3 hija evoluzzjoni iktar milli tiġdid tal-leġiżlazzjoni dwar is-servizzi ta' pagament. Flimkien mal-PSR, għandha tiżgura li l-ekosistema tal-pagamenti tal-UE tibqa' robusta, affidabbli, u kompetittiva. Il-proposta tal-Kummissjoni hija punt tat-tluq b'saħħtu, u r-Rapporteur tiegħek jippromwovi approċċ reżiljenti li jibqa' validu fil-futur għall-benefiċċju tal-konsumaturi u tas-settur tal-pagamenti.

Ir-Rapporteur tiegħek identifika għadd ta' problemi li jridu jiġu indirizzati fil-proposta għal PSD3 bl-għan li jitjieb it-test filwaqt li ma jitbegħidx mill-objettivi ġenerali tal-PSD2. Filwaqt li l-maġġoranza tad-dispożizzjonijiet li jinsabu fil-PSD2 issa ġew trasferiti għall-PSR, l-implimentazzjoni u t-tisħiħ ta' varji dispożizzjonijiet se jibqgħu neċessarjament fil-forma ta' Direttiva, li jfisser aġġornament tad-Direttiva dwar is-Servizzi ta' Pagament biex jirrifletti dawn il-bidliet.

Id-dispożizzjonijiet f'din id-Direttiva għandhom l-għan li jiżguraw l-implimentazzjoni u t-tisħiħ armonizzati tar-regoli l-ġodda dwar is-servizzi ta' pagament. Biex dan jiġi ffaċilitat, ir-Rapporteur tiegħek ressaq għadd ta' emendi dwar ċerti oqsma speċifiċi tal-proposta:

Awtorizzazzjoni u Anterjorità

Ir-Rapporteur tiegħek għandu l-għan li jiċċara t-test dwar il-kwistjoni tal-awtorizzazzjoni tal-fornituri ta' servizzi ta' pagament (PSPs) wara d-dħul fis-seħħ tar-regoli l-ġodda. B'mod speċifiku, jiġi ċċarat li l-PSPs *mhux* se jkollhom jgħaddu minn proċess sħiħ ta' awtorizzazzjoni jekk huma diġà awtorizzati skont il-PSD 2. Dawn se jkollhom sempliċiment jipprovdi lill-awtorità kompetenti tagħhom l-elementi żejda previsti skont ir-regoli aġġornati, u wara dan l-awtorità kompetenti se tiegħu deċiżjoni dwar l-awtorizzazzjoni kontinwa tal-PSP. Eżempju ta' element ġdid li jrid jintbagħat lill-awtoritajiet kompetenti bħala parti mill-

proċess ta’ awtorizzazzjoni huwa pjan ta’ stralċ, kif previst fl-Artikolu 3(3), punt (s) ta’ din id-Direttiva.

Barra minn hekk, huwa xieraq li jiġu adattati d-dispożizzjonijiet ta’ anterjorità fl-Artikoli 44 u 45 (applikabbli għall-PSPs u għall-istituzzjonijiet tal-flus elettroniċi (EMIs) rispettivament) biex jiġi sottolinjat b’mod ċar dak li huwa mistenni minn dawn l-istituzzjonijiet waqt il-perjodu ta’ tranżizzjoni u l-perjodu ta’ implimentazzjoni wara d-dħul fis-seħħ ta’ din id-Direttiva.

Id-Direttiva dwar il-Finalità tas-Saldu

Il-Kummissjoni pproponiet, fl-Artikolu 46, emenda għad-Direttiva 98/26/KE tad-19 ta’ Mejju 1998 (id-Direttiva dwar il-Finalità tas-Saldu), li tkun tippermetti lill-istituzzjonijiet ta’ pagament li jibbenefikaw mill-istess sistemi ta’ saldu bħall-istituzzjonijiet tal-kreditu u d-ditti tal-investiment, li twassalhom għal kundizzjonijiet ekwi biex joffru l-prodotti lill-klijenti tagħhom. Ir-Rapporteur tiegħek huwa konxju li din l-emenda ġiet proposta wkoll skont ir-Regolament dwar il-Pagamenti Istantanji (IPR), li qed jiġi finalizzat attwalment. Sa ma jiġi finalizzat it-test legali dwar l-IPR, ir-Rapporteur tiegħek jenfasizza mill-ġdid il-pożizzjoni tal-Parlament dwar l-aċċess għas-sistemi ta’ saldu għall-istituzzjonijiet ta’ pagament billi jitnaqqas għal tliet xhur wara d-dħul fis-seħħ ta’ din id-Direttiva l-perjodu għall-Istati Membri biex jittrasponu l-bidliet rilevanti għad-Direttiva dwar il-Finalità tas-Saldu. L-aċċess għas-saldu għall-istituzzjonijiet ta’ pagament malajr kemm jista’ jkun huwa prijorità għar-Rapporteur.

Punti ta’ Kuntatt Ċentrali

Skont il-PSD2, l-Istati Membri ngħataw l-għażla li jitolbu li l-istituzzjonijiet ta’ pagament stabbiliti fi Stat Membru ieħor jistabbilixxu punt(i) ta’ kuntatt ċentrali fit-territorju tal-Istat Membru ospitanti sabiex jirrapportaw b’mod perjodiku lill-Istat Membru ospitanti l-informazzjoni dwar l-attivitajiet fit-territorju tagħhom għal finijiet ta’ informazzjoni jew statistika. Kien hemm applikazzjonijiet diverġenti ta’ din id-dispożizzjoni fost is-suq uniku, u l-istituzzjonijiet ta’ pagament xi drabi stabbilixxew għadd ta’ punti ta’ kuntatt differenti skont l-informazzjoni li kellha tiġi pprovduta, pereżempju għall-finijiet ta’ rapportar dwar l-AML jew dwar attivitajiet kummerċjali oħrajn.

Fil-fehma tar-Rapporteur tiegħek, l-implimentazzjoni ta’ din id-dispożizzjoni wasslet għal diffikultajiet kemm għall-Istati Membri kif ukoll għall-istituzzjonijiet ta’ pagament, u tmur ukoll kontra d-dritt ta’ stabbiliment, id-dritt li jiġu pprovduti servizzi u l-objettivi tas-suq uniku. Għalhekk, ir-Rapporteur tiegħek jissuġġerixxi bħala l-ewwel pass is-simplifikazzjoni tad-dispożizzjonijiet biex jiġi żgurat li l-istituzzjonijiet ta’ pagament jibagħtu l-informazzjoni rilevanti kollha lil punt ta’ kuntatt wieħed, li mbagħad jikkomunika l-informazzjoni rilevanti lill-awtorità kompetenti nazzjonali tal-Istat Membru. Fil-fehma tar-Rapporteur tiegħek, tibqa’ kwistjoni miftuħa dwar jekk dawn il-punti ta’ kuntatt humiex neċessarji biex jinkisbu l-għanijiet ta’ din id-Direttiva, jew jekk fil-fatt jikkontribwixxux għall-frammentazzjoni fis-suq uniku.

Aċċess għall-Flus Kontanti

Skont ir-Rapporteur tiegħek, hekk kif ix-xejriet jitbiegħdu mill-pagamenti bi flus kontanti

b’mod ġenerali fl-UE lejn il-pagamenti bil-kard jew bil-portafolji diġitali, huwa iktar importanti minn qatt qabel li jiġi żgurat l-aċċess għall-flus kontanti għall-konsumaturi madwar l-UE. Dawn huwa importanti b’mod partikolari f’żoni b’aċċess limitat għal fergħat tal-bank, uffiċċji postali jew ATMs. Fil-Pakkett dwar is-Servizzi ta’ Pagament, l-importanza tal-aċċess għall-flus kontanti hija enfasizzata permezz ta’ diversi dispożizzjonijiet. Ir-Rapporteur tiegħek saħħaħ dawn id-dispożizzjonijiet b’bosta modi, inkluż billi żied l-ammont li l-bejjiegħa bl-imnut jistgħu jagħtu lill-konsumaturi fil-forma ta’ flus lura, inkluż mingħajr xiri, minn EUR 50 għal EUR 100.

Barra minn hekk, l-ATMs indipendenti huma żieda importanti għall-forniment tal-flus kontanti fl-UE. Madankollu, il-konsumaturi spiss ma jkunux konxji mill-fatt li jistgħu jintalbu tariffi għall-użu ta’ tali ATMs indipendenti, fejn it-trasparenza tat-tariffi hija ta’ ħassib. Għalhekk, fl-abbozz ta’ rapport tiegħu, ir-Rapporteur tiegħek enfasizza din il-kwistjoni, u se jimmira li jiżgura li l-leġiżlazzjoni tipprevedi li t-tariffi jintwerew minn tali operaturi tal-ATM fil-bidu tal-proċess, jiġifieri malli kard tiġi rikonoxxuta minn ATM fil-bidu nett tat-tranżazzjoni.

Ftuħ ta’ Kontijiet minn Istituzzjonijiet ta’ Pagament

Skont il-PSD2 u d-Direttiva dwar il-Flus Elettroniċi, rajna li xi istituzzjonijiet ta’ pagament u EMIs batew biex iżommu kontijiet ta’ pagament mal-istituzzjonijiet ta’ kreditu minħabba r-rifjut minn dawn tal-aħħar li jiftħu, u f’xi każijiet jagħlqu għal għarrieda, kontijiet li minnhom jistgħu joperaw il-PSP jew l-EMI. Spiss dawn ir-rifjuti jew dan l-għeluq saru mingħajr ġustifikazzjoni. Għalhekk, ir-Rapporteur tiegħek jemmen li huwa importanti, fl-interess li tiġi evitata t-tneħħija mhux mitluba tar-riskji, li jissaħħu r-rekwiżiti għall-istituzzjonijiet ta’ kreditu biex jikkomunikaw b’mod ċar ir-raġunijiet għar-rifjut li jinfetħu kontijiet jew għad-deċiżjoni li jingħalqu l-kontijiet ta’ istituzzjonijiet ta’ pagament u ta’ EMIs.